KUNSILL LOKALI **BORMLA** *Citta' Cospicua* LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 68/2017

**20 ta' April, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Viċi Sindku
James Cauchi – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera

### SKUZAT:

Pablo Cachia Belli – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

68.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li permezz taghha il-Kunsillier Pablo Cachia Belli talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-attendenza tieghu minhabba li kien rikoverat fi sptar.

68.1.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sindku, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-assenza tal-Kunsillier Cachia Belli kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

68.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 67 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

68.2.2 Is-Sur James Cauchi qal illi filwaqt li l-minuti kienu jirriflettu dak li kien gie diskuss waqt is-seduta, huwa kien tal-fehma illi minuta numru 67.8.2 tkun aktar dettaljata. Kien hemm qbil fost il-Kunsiliera prezenti illi l-minutu kellhom jigu emendati sabiex jirriflettu dak li kien ippropona s-Sur Cauchi u jigu mressqa ghall-approvazzjoni mill-gdid f'seduta numru 69.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta Is-Sur Ivan Agius (6:47 p.m.)

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindu infurmat lill-Kunsilliera prezenti b'laqgha li l-Kunsill Lokali kellu mal-Onor. Joe Mizzi u ghaddiet dettalji ta' diskussjonijiet li kienu saru b'konnessjoni ma' proposti ta' progetti li kien ippropona l-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' sett ta' pjanti li l-Ministeru gha-Trasport u Infrastruttura kien hejja ghar-rijabilitazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita.

68.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Miniseru ghat-Trasport u Infrastruttura kien beda x-xogholijiet fuq parkegg fi Triq il-Gublew tal-Fidda fuq talba tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi hekk kif maqbul il-parkegg kien ser ikun qieghed jintuza mill-ghalliema tal-iskola primarja waqt il-hin tax-xoghol taghhom filwaqt li kien ser ikun miftuh ghall-pubbliku fil-hinijiet l-ohra.

68.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi Dr. Marc Sant kien halla l-kariga ta' President tal-Assocjazzjoni ghall-Kunsilli Lokali u minfloku kien gie mahtur is-Sur Mario Fava.

68.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba ma jkunx hemm oggezzjonijiet, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jawtorizza wirja b'mod temporanju fil-kappella ta' San Gwann t'Ghuxa.

## 68.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

68.4.1 Ma kienx hemm.

## 68.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

68.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru4/17) ghall-approvazzjoni.

68.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

68.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Marzu 2017 ghall-approvazzjoni.

68.5.4 Fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 68.6 Approvazzjoni ta' Audit Adjustments

68.6.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' adjustments li kienu gew proposti mill-udituri tal-Gvern ghall-financial statements li kien ipprezenta l-Kunsill Lokali

68.6.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettal l-adjustments li kienu gew proposti fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva l-*adjustments* hekk kif proposti.

## 68.7 Sejhiet ghall-Offerti

68.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi sabiex titnaqqas il-possibilita' illi jkun hemm appelli b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti numru KLBO01/2017, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet parir legali dwar l-offerti li kienu gew sottomessi. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-informazzjoni li kien inghata l-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tigi mghoddija lill-membri tal-bord ta' evalwazzjoni bil-ghan illi jkunu ggwidati bl-ahjar mod possibbli fl-evalwazzjoni tal-

offerti

## 68.8 Grawnds Peppi Delceppo

68.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet mas-Sur Nazzareno Vassallo li min-naha tieghu kien lest li jbigh is-sehem tieghu mill-grawnds ghas-somma ta' €45 000. Hija qalet li l-Perit William Lewis kien hadem stima tal-valut attwali tal-progett, liema stima kienet tammonta ghal €45 000. Is-Sindku sahqet kif l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ghamlet kuntatt ma' Dr. Mark Simiana li min-naha tieghu kien baghat abbozz ta' skrittura li kellha tigi ffirmata kemm il-darba jintlehaq qbil.

68.8.1 Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi bix-xiri tas-sehem tas-Sur Vassallo fuq ic-cifra kkwotata.

## 68.9 Rapporti

68.9.1 Is-Sindku pprezentat rapport dwar il-korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li dwarha kien jinthieg li tittiehed decizjoni. Wara diskussjoni dwar il-korrispondenza ttiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- E-mail datat 23 ta' Marzu 2017 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern lokali li permezz tieghu il-Kunsill Lokali gie mfakkar jinnomina Deputat Segretarju Ezekuttiv.
- Filwaqt li kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi temporanjament din il-materja kellha tithalla pendenti, giet diskussa l-possibilita' illi tinholoq vakanza interna ghall-pozizzjoni ta' Ufficjal Ezekuttiv. Dwar il-materja, wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tintbaghat talba lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali
- E-mail minghand Orienta li permezz tieghu il-Kunsill Lokali gie mitlub jevlawa l-possibilita' li jaghmel xogholijiet ta' manutenzjoni fi Sqaq il-Kuncizzjoni (cement staircase). Orienta Ltd. offriet li taghmel ix-xoghol hi kemm il-darba l-Kunsill Lokali jaghtiha l-awtorizzazzjoni mehtiega. Gie deciz illi kellha tintalab laqgha sabiex ix-xoghol jigi diskuss f'aktar dettall.
- Claire Micallef f'isem il-familjari ta' Dun Victor Cilia baghtet e-mail li permezz tieghu wriet dizappunt ghall-fatt illi f'Haz Zabbar kienet ser tkun qieghda tissemma' triq ghalih u tablet lill-Kunsill Lokali jirrevedi decizjoni li kien ha. Wara diskussjoni fit-tul, b'mod unanimu gie deciz illi minkejja li fl-immedjat ma kienx hemm toroq li setghu jissemmew ghalih, fil-futur qarib, kemm il-darba ikun hemm l-opportunita', il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jikkunsidra isemmi triq ghal Dun Victor Cilia
- Permezz ta' e-mail datat 11 t'April 2017, is-Sur Emanuel Vella mill-fondazzjoni Valletta 2018 talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess ghal newspaper stand biswit il-klabb tar-regatta. Kien

hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti li ma kellha tinstab ebda oggezzjoni

- E-mail minghand is-Sur Roger Mamo (MFSS) li permezz tieghu il-Kunsill Lokali gie mitlub jinnomina rapprezentant ghall-okkazjoni tal-ghoti tac-certifikati b'konnessjoni mal-kors ghaqal id-dar, hajja ahjar. Filwaqt li gie deciz illi kellu jigi offrut transport lil residenti minn Bormla li kienu ser jippartecipaw fl-attivita, kien hemm qbil illi s-Sa. Noyah Spiteri kellha tkun prezenti f'isem il-Kunsill Lokali.
- Il-Kunsill Lokali unanimament approva stima minghand Homemate Ltd. ghal xiri ta' planters ornamentali.
- Is-Sindku qalet li kienet waslet talba minghand sidien ta' stabbilimenti fi Triq Dom Mintoff sabiex ikun hemm spazju ta' parkegg ghal un/loading. Wara li s-sa. Antonia Perini iddikjarat kunflitt ta' interess u harget mis-Seduta ( 8:05 p.m) fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unaniment qabel illi kellha tigi sottomessa applikazzjoni ma' Transport Malta dwar il-materja.

Is-Sa. Antonia Perini dahlet lura ghas-seduta (8:10p.m.)

## 68.10 Mozzjonijiet

68.10.1 Mozzjoni Nru 05-2017 (VII)

*Fid-dawl tal-kundizzjoni hazin ali jinsabu fiha il-fanali ornamentali ta' Triq San Mikiel, qieghed nipproponi li l-Kunsill jibda' l-process biex dawn il-fanali jinbidlu ma' ohrajn godda li jkunu jikkumplimentaw il-karatteristika tat-triq.*

*Is-Sindku ipproniet illi l-mozzjoni tigi emendata u wara l-kliem "Triq San Mikiel" jizdied il-kliem "u Triq Nelson".*

Is-Sur  James Cauchi ssekonda l-mozzjoni hekk kif emendata.

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni (DOK C) wara votazzjoni .

68.10.2 Mozzjoni Nru 06-2017 (VII)

*Fuq talba ta' numru ta' residenti ta' San Gwann t'Ghuxa qieghed nipproponi li l-Kunsaill Lokali jitlob lil Transport Malta sabiex tikkunsidra li jigu nstallati 'round topped road humps' jew mizuri ohra fi Triq San Gwann t'Ghuxa saniex jigi kkontrollat is-seewqan eccessiv li spiss jigi rapportat f'din it-triq arterjali.*

Proponent: Roderick Mamo
Sekondant: Noyah Spiteri

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni (DOK D ) wara votazzjoni .

68.10.3 Mozzjoni Nru 07-2017 (VII)

*Permess li fi Triq Santa Tereza ftit l-isfel mill-istess knisja ta' Santa Tereza, qabel l-2013 kien hemm sett ta' 'pelican lights' li kienu gew zmantellati bl-implimentazzjoni tal-progett ta' Bacri Nru.1.*
*U peress li din it-triq hija triq principali li minnha jghaddu numru kbir ta' vetturi f'kull hin tal-gurnata.*
*Qieghed nipproponi li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex kemm jista' jkun malajr jara li l-pedestrian crossings li jemm f'din it-triq ikunu mghammra bil-'pelican lights'.*

Proponent: Roderick Mamo
Sekondant: Alison Zerafa Civelli

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni (DOK E ) wara votazzjoni .

**68.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

68.11.01 Il-laqgħa intemmet fit-8:35pm wara li giet ezawrita l-agenda,u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 18 ta' Mejju, 2017 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 18 ta' Mejju, 2017

*IFFIRMATA* *IFFIRMATA*

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv